MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 713/2001/1

**HSBC BANK MALTA p.l.c.** rappreżentat mill-Prokuratur Legali Adrian Borġ, li jidher ukoll f'ismu proprju

vs

**DIRETTUR ĠENERALI U REĠISTRATUR TAL-QORTI;** Avukat Dr. Thomas Abela; Avukat Dr. Carlo Vigna; Benjamin Muscat f'ismu proprju u għan-nom u fl-interess ta' Benny's Catering Ltd.; Mary Muscat, għal kull

interess li jista' jkollha fil-komunjoni tal-akkwisti ma' l-imsemmi Benjamin Muscat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 t'April, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tiddikjara ma tgħoddx taxxa ġudizzjarja maħruġa mill-intimat Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qorti u tordna li ssir ir-ritassa fuq bażi ta' punt ta' liġi b'kunsiderazzjoni biss tax-xogħol u responsabbilta' involuti;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-24 ta' Mejju, 2001, mill-intimat Reġistratur tal-Qorti li biha irrilevat li:

preliminarjament, ir-rikors imsemmi huwa irritwali u null fil-konfront tiegħu stante li ma ġiex preċedut minn ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju skond l-artikolu 460 tal-Kap 12;

subordinatament, id-dokument esebit ma' l-istess Rikors mhux skond kif rikjest mil-liġi u għalhekk huwa invalidu;

bla preġudizzju, it-talba hija preskritta; u

fil-mertu, it-taxxa hija korretta;

Rat illi l-intimati l-oħrajn, għalkemm notifikati kif imiss[1] b'kopja tar-Rikors u bl-Avviż tas-Smigħ tar-Rikors, naqsu li jwieġbu għat-talba tar-rikorrenti;

[1] Ara paġ. 6 *tergo* u 7 tal-proċess

Rat id-deċiżjoni preliminari tagħha tat-12 ta’ Frar, 2002[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qrati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tielet eċċezzjoni tal-intimat Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qrati;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u kif ukoll dawk tal-proċediment li a bażi tiegħu nħarġet it-taxxa impunjata;

Rat id-Degrieti tagħha tal-4 t’April, 2002, 20 ta’ Ġunju, 2002, u 14 ta’ Novembru, 2002, li bihom ħalliet ir-Rikors għad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni rikorrenti;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li tqanqlet mill-intimat hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jgħid li t-taxxi magħmulin mir-Reġistratur ma jistgħux jiġu attakkati wara li jgħaddi xahar. Fi kliem l-istess liġi, huwa mfisser li ż-żmien ta’ xahar jibda jgħaddi minn dak inhar li fih tkun inħarġet it-taxxa, għal dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tat-taxxa; filwaqt li jibda jgħaddi mid-data tan-notifika b’att ġudizzjarju għal dik il-parti debitriċi li tkun intbagħtet lilha t-taxxa għall-ħlas;

Illi, fil-każ preżenti, jirriżulta li t-taxxa attakkata nħarġet wara li din il-Qorti (diversament presjeduta) tat deċiżjoni[3] li biha awtoriżżat li sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet “*P.L. Adrian Borġ nomine vs Benjamin Muscat proprio et nomine*” (Ċitazz. Nru. 634/94JSP) terġa’ tiġi eżegwibbli minħabba li kienu għaddew iżjed minn ħames snin minn mindu ngħatat dik is-sentenza. Is-sentenza li awtoriżżat din l-eżegwibilita’ mill-ġdid ingħatat fit-30 ta’ Jannar,

[2] Paġġ. 39 sa 49 tal-proċess
[3] Fis-17 ta’ Ġunju, 1994

2001[4]. Ir-rikors biex jintalab it-tħassir tat-taxxa tressaq fis-26 t'April, 2001. Fl-atti tar-rikors m'hemm l-ebda kopja jew ħjiel ta' meta saret it-taxxa impunjata. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti nfushom jagħmlu riferenza għal dettalji minn taxxa maħruġa dwar il-kawża, filwaqt li l-intimat jisħaq li "it-taxxa hija korretta";

Illi mill-atti tar-rikors li dwaru ngħatat is-sentenza li tirrendi eżekuttiva s-sentenza mogħtija fl-1994, jirriżulta li fil-fatt inħarġet taxxa fuq talba ta' l-Avukat Thomas Abela, li f'dawk il-proċeduri kien qiegħed jidher għar-rikorrenti. Ta' min jinnota li fl-imsemmija Taxxa m'hemm l-ebda data, għalkemm jidher li t-tassazzjoni mid-Deputat Reġistratur tal-awla saret fis-6 ta' Marzu, 2001, li juri li t-taxxa finali nħarġet tabilfors wara dik id-data;

Illi ż-żmien ta' xahar imsemmi fl-artikolu 64(1) għandu minn terminu ta' dekadenza, u għalhekk ma jistax jiġi sospiż jew interrott bħallikieku kien żmien ta' preskrizzjoni. Min-naħa l-oħra, minħabba l-effetti radikali li ġġib magħha l-eċċezzjoni tal-perenzjoni tal-azzjoni, dak l-artikolu jrid jingħata tifsira ristretta u biss safejn tħalli l-liġi. Minbarra dan, huwa dmir ta' min jallega ż-żmien preskrittiv li jrid jipprova li dak iż-żmien ikun għadda;

Illi, fit-trattazzjoni tiegħu bil-fomm dwar din l-eċċezzjoni, l-abbli difensur tal-intimat insista li kien qiegħed jistrieħ fuq iż-żmien preskrittiv li tagħtih il-liġi nnifisha. Huwa jgħid li minn bejn meta nħarġet l-imsemmija taxxa sakemm tressaq ir-Rikors li għandha quddiemha l-Qorti llum għadda aktar minn xahar. Min-naħa tiegħu, l-abbli difensur tar-Rikorrenti jgħid li ż-żmien biex jattakka t-taxxa ma seta' beda jgħaddi qatt għaliex ma ntbagħtet qatt ittra uffiċjali lir-rikorrenti, u dan billi r-rikorrenti huma d-debituri tal-intimat Reġistratur tal-Qrati. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet magħmulin mir-rikorrenti f'dan ir-rigward, partikolarment għaliex (a) it-taxxa ntalbet minnhom u (b) għaliex il-kelma "debitur" tikkwalifika lill-parti li tkun talbet il-ħruġ tat-taxxa kontriha u mhux lir-Reġistratur. Fil-każ tal-atti tar-Rikors li bih intalab li s-sentenza tal-1994 terġa' ssir eżegwibbli, il-leġittimu kontradittur tal-Bank rikorrent ma kienx ir-Reġistratur tal-Qrati, imma Benjamin Muscat proprio u nomine, li, għar-rigward tad-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2001, kien id-debitur waħdieni tal-istess Bank rikorrent. L-aħħar frażi fid-dispożittiv ta' dik id-deċiżjoni m'għandha tħalli l-ebda dubju fuq daqshekk. Għalhekk, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, l-uniku persuna li seta' jistenna li jkun notifikat bit-taxxa permezz ta' att ġudizzjarju kien Benjamin Muscat proprio u nomine;

Illi, issa li ngħad dan kollu, jibqa' l-fatt li ma tirriżulta l-ebda data formali ta' meta nħarġet it-taxxa, u dan jgħodd kemm fl-atti ta' dan ir-Rikors u

[4] Rik. 902/00RCP

kif ukoll f'dawk tal-proċeduri li dwarhom inħarġet it-taxxa impunjata. Dan iwassal, allura għall-konklużjoni li, fin-nuqqas ta' provi min-naħa ta' min kien obbligat li jressaqhom, ma jistax jingħad b'ċertezza minn meta messu jibda għaddej iż-żmien biex tiġi attakata t-Taxxa Ġudizzjarja relattiva. Ladarba dak it-tagħrif essenzjali ma hux determinat u lanqas determinabbli mod ieħor mill-atti, l-effett waħdieni jkun li l-eċċezzjoni taħt eżami ma tirriżultax pruvata u għalhekk ma tistax tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni** tal-intimat Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qrati, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u

**Tordna li s-smigħ** tar-Rikors jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------